MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 47/2006

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu lil xulxin fis-27 ta’ Marzu 1976 gewwa l-Knisja Parrokjali ta’ Haz Zabbar;

2. Illi qabel iz-zwieg ir-relazzjoni taghhom kienet wahda kemmxejn normali;

3. Illi tul iz-zmien li kienu qeghdin johorgu flimkien huma qatt ma hargu wahedhom izda dejjem fil-presenza ta’ ohta u ghalhekk qatt ma saret taf lill-konvenut sewwa;

4. Illi hekk kif izzewgu l-konvenut inbidel billi beda jixrob u sar dipendenti fuq l-alkohol, tilef l-impjieg tieghu u beda jitghabba bi problemi finanzjarji kbar;

5. Illi l-konvenut sar vjolenti wkoll billi kien ikisser hafna oggetti fid-dar ghall-ebda raguni;

6. Illi l-konvenut kien ihalli lill-attrici b’ hames liri fil-gimgha biss minhabba illi hu kien jonfoq kollox fuq ix-xorb, sigaretti u bzonnijiet tieghu;

7. Illi illum il-gurnata l-kontendenti huma separati de facto;

8. Illi l-kunsens tal-attrici nkiseb b’ qerq dwar kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

9. Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittjiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

10. Illi ghalhekk iz-zwieg huwa null u minghajr effett;

11. Illi l-attrici taf b’ dawn il-fatti personalment;

12. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti li gie ccelebrat fis-27 ta’ Marzu 1976 hu null u minghajr effett ai termini tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal ragunijiet premessi imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tillikwida l-proprjeta’ komuni tal-partijiet okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi b’ dan illi l-proprjeta’ tigi diviza f’ zewg porzjonijiet u kull parti tigi assenjata porzjon mill-proprjeta’ hekk diviza.

3. Tiffissa retta alimentarja dovuta mill-konvenut lill-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna li attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-27 ta’ Marzu 1976 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-konvenut fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Dawn huma l-parametri gudizzjarji ta’ l-azzjoni odjerna.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fis-27 ta’ Marzu 1976 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 26 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa erba’ snin u nofs. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal fis-6 ta’ Ottubru 1977 u fl-20 ta’ April 1979 rispettivament. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa 20 sena l-attrici telqet mid-dar u l-partijiet isseparaw de facto.

Illi l-versjoni attrici hija fis-sens li r-relazzjoni taghhom qabel iz-zwieg kienet wahda “normali”[1] u l-genituri taghha kienu jghidu kemm il-konvenut “hu tifel sew lanqas jitkellem, jigi fil-hin.” Izda mill-bidu nett taz-zwieg beda l-inkwiet bejniethom li baqa’ sejjer tul il-konvivenza matrimonjali kollha, anzi aggrava ruhha wara li l-konvenut kien qabad il-vizzju tax-xorb.

L-attrici tghid li fl-ewwel lejl taghhom meta tkellmu fuq ir-relazzjoni sesswali taghhom, il-konvenut kien staqrr maghha li huwa diga’ kellu t-tfal. Fi kliem l-attrici: “L-ewwel darba li rqadna flimkien. Qalli, jiena kapaci, qalli anke tfal ghandi”; izda ghalkemm l-attrici nhasdet b’ dawn il-kliem hija ma segwitx din l-affari. Hi tghid li gimgha wara z-zwieg huwa beda jorhrog wahdu wara x-xoghol, filwaqt li hi kienet tibqa’ d-dar waheda. Hi ssostni li hlief biex tmru ghand ommha u ghal quddies hi ma kienitx tohrog, u anke hawn il-konvenut kien jaqlalha diffikultajiet biex hi ma tkun tista’ tohrog. L-attrici tghid li wara l-hrug, il-konvenut kien jigu lura tard bil-lejl stordut; u kien jixrob ukoll.

<u>Wara sentejn</u> mid-data taz-zwieg huwa kien beda jixrob regolari u spicca li f’ diversi okkazzjonijiet kien jigi d-dar xurban bir-rizultat li okkazzjonalment kien ikun aggressiv. Hi tghid li “Kien hazin hafna ….[kien jaqa’], u jgibuh in-nies, igibuh hutu, jigibuh il-pulizija.”

L-attrici tirrakkonta li xi zmien wara z-zwieg il-konvenut, li kien jahdem fil-gebel, kien korra u ghalhekk kienu ghamlu zmien jghixu bir-relief ta’ Lm21 fil-gimgha. Minn dawn, Lm16 kien izommhom ghalih ghas-sigaretti, xorb u petrol, filwaqt li lill-attrici kien jghatiha biss Lm5 fil-gimgha ghall-hajja bir-rizultat li dina kien ikollha tirrikorri ghand il-genituri taghha u anke hutha ghal ghajnuna finanzjarja. L-attrici tghid li matul il-konvivenza matrimonjali t-trobbija u r-responsabbilita’ tat-tfal kienet taqa’ dejjem fuqha, u fuqha biss. Tilmenta mill-fatt li huwa kien “egoist hafna” u kien ihalli kollox f’ idejha u ghat-tfal “jekk ghandek ghamlilhom, jekk, m’ ghandex..” Sussegwentement l-attrici

[1] Dep. fol.45 *et seq.*

ma felhitx tghix izjed f’ dan l-istat u b’ hekk iddecidiet lit titlaq “ghidt issa jew vi jew va, u rnexxieli.”

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li circa sentejn jew tlett snin wara z-zwieg beda jinqala’ l-inkwiet bejn il-partijiet peress li hu kien johrog wara x-xoghol u l-attrici kienet tissuspetta li kien qed ikun infidil lejha. Huwa jsostni li wara x-xoghol kien ikun irid johrog; u kien imur jilghab il-bocci u s-suspetti ta’ martu ma kienux minnhom u jghid li kien jiehu lit-tifel mieghu. Huwa jghid li meta kien imur jilghab il-bocci huwa kien iwassal lill-attrici ghandh ommha, u imbaghad jghaddi ghaliha u jmorru d-dar.

Rigward ir-relazzjoni sesswali ta’ bejniethom jghid li ma kienx hemm problemi, u in propositu l-attrici “qatt ma qaltli xejn”[2] ghalhekk jghid li ghalih ma kienx hemm problemi.

Rigward l-allegazzjoni attrici li huwa fl-ewwel lejl taghhom kien qallha li kellu tfal minn mara ohra, il-konvneut jispjega li peress li huma kienu damu xi zmien biex ikollhom it-tfal l-attrici kienet qaltlu li “inti mielah”. Jghid: “Dak il-hin inhraqt jiena, ghidtilha mielah ghandi tarbija !, u ma kien veru xejn, hargitli hekk dak inhar.”

Illi sussegwentement huwa beda jixrob u beda jabbuza bl-alkohol.

Rigward l-allegazzjoni attrici li hu kien xhih maghha, huwa jghid li kien f’ okkazzjoni ta’ darba li kien taha Lm5 biex tghaddi bihom, ghal bqija hu “dejjem tajtha”.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti wara ezami tal-provi migjuba, u wara li semghet lill-partijiet, hija tal-fehema li, filwaqt li f’ dan il-kaz jirrizultaw fatti li jistghu jghatu lok ghas-separazzjoni personali, mill-banda l-ohra ma thossx li jezistu l-estremi ta’ l-annullament kontemplati fil-paragrafi [c] u [d] ta’ l-artikolu precitat.

[2] Dep. 67 *et seq.*

Illi ma hemmx dubbju li l-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet ma kienitx wahda felici, u l-Qorti taccetta bhala veritiera dak li qalet l-attrici fis-sens li kieku mhux ghax it-tfal kienu ghadhom zghar hija kienet tissepara qabel; izda mill-band’ l-ohra l-Qorti tosserva li l-inkwiet serju bejn il-koppja beda wara sentejn taz-zwieg, meta l-partijiet diga’ kellhom l-ewwel tarbija, u possibbilment anke t-tieni wahda. Il-Qorti thoss li ghandha tghati affidament lill-konvneut meta dana jghid li l-inkwiet beda wara sentejn taz-zwieg rizultat tal-fatt li hu kien beda jabbuza mill-alkohol u beda jghamel difficli hafna l-hajja ta’ l-attrici u ghabbiha bir-responsabbilita’ kollha tal-familja. Wara kollox dan tikkonfermah l-istess attrici.

*Qerq*

Illi rigward l-ewwel kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [c], li jikkontempla bhala wiehed mill-capita nullitatis il-kaz fejn il-kunsens matrimonjali tal-konjugi jkun inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

Illi jinsab assodat fil-gurisprudenza li biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-para.[c] iridu jikkonkorru erba affarijiet: [1] il-<u>qerq</u> <u>perpetrat bil-hsieb</u> li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; [2] li l-qerq tkun incida fuq il-kunsens tal-partijiet; [3] li l-qerq ikun jirrigwarda <u>xi kwalita’</u> tal-parti l-ohra; u [4] li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Jigi osservat fil-meritu li f’ dan il-kaz ma jirrizulta ebda qerq perpetrat minn naha tal-konvenut fuq l-attrici fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, kif lanqas jirrizulta li <u>f’ dak iz-zmien</u> kien hemm xi kwalita’ fih li tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

In propositu huma oppportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi l-ilment principali ta’ l-attrici fil-bidu taz-zwieg kien li, wara x-xoghol, il-konvenut kien johrog u jhalliha waheda. Jigi osservat li din l-allegazzjoni, li l-attrici kienet tibqa’ waheda, tinsab kontradetta mill-konvenut; izda anke jekk

dato non concesso dan kien minnu, dan il-fatt xorta ma jissodisfax ir-rekwizit tal-paragrafu precitat. Dan ma tikwalifikax bhala “kwalita” fil-konvenut li fixklet serjament il-hajja mizzewwga. Dan isib konfort ukoll fil-fatt li fl-ewwel sini taz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt-it tfal.

Illi di piu’ ma gie provat ebda qerq da parti tal-konvenut; u ghad-diskors li qal il-konvenut lill-attrici dwar tfal minn tieghu barra z-zwieg, il-Qorti taccetta l-versjoni tal-konvenut bhala wahda verosimili; tant hu hekk li lanqas l-attrici ma hasset li kellha s-segwi dan id-diskors u taghmel verifiki f’ dan ir-rigward.

[2] Illi l-ilment l-iehor li l-attrici gustament tilmenta minnu, ghax kien fonti ta’ tharbit ghaliha u ghat-tfal, huwa dak li wara sentejn miz-zwieg il-konvenut beda jixrob regolari. Jigi osservat li lanqas dan il-fatt provat ma jissodisfa l-vot ta’ l-imsemmi paragrafu, stante li dan sehh sentejn wara l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u dak li huwa relevanti, anzi krucjali, ghall-iskop ta’ l-azzjoni attrici huwa l-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u dak li sar wara z-zwieg huwa relevanti biss jekk jista’ jitfa’ dawl fuq dan il-mument. Ghaldaqstnat, stante li jirrizulta car mill-provi li l-problema tal-konvenut, konsistent fl-abbuz regolari mill-alkohol, hakmitu sentejn wara l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, dan il-fatt ma jintegrax il-caput nullitatis kontemplati fl-imsemmi paragrafu [c].

*Discretio judicii*

Illi rigward it-tieni kawzali bazata fuq il-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafu [d], li jikkontempla l-kaz fejn il-kunsens matrimonjali tal-konjugi jkun affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, u fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali taghha, kif ukoll il-kaz fejn il-konjugi jkun affett minn anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; il-Qorti tosserva li l-ebda wahda minn dawn il-capita nullitatis ma tikkonfigura f’ dan il-kaz.

Mill-provi ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut kien affett minn inkapacita’ psikika

[mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li jagharaf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali, jew li parti tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta tal-ghazla u li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha; kif lanqas ma jirrizulta li l-konvenut ma kellux certu dixxerniment tal-obbligi matrimonjali tieghu. Di fatti mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li, ghajr ghal xi argumenti li normalment koppja jkollha fil-bidu tal-hajja matrimonjali, ma hemm xejn x' jindika li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien affett minn dan il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d].

L-istess jinghad ghat-tieni parti li tikkontempla l-kaz ta' l-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal parti li taqdi l-obbligazzjonijiet taghha essenzjali ghaz-zwieg. In propositu jigi osservat li, anke jekk jigi koncess li l-abbuz regolari tal-konvenut mill-alkohol jikwalifika bhala annomalja psikologika fis-sens ta' dan il-paragrafu, xorta wahda jirrizulta car li din ma kienitx tezisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici mhijiex sostnuta mill-provi u ghalhekk timmerita li tigi michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------